



Dokument ta' sessjoni

A9-0343/2023/err01

21.11.2023

ERRATUM

għar-rapport

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) (COM(2023)0161 – C9-0062/2023 – 2023/0081(COD))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Christian Ehler
A9-0343/2023

L-Artikolu (15)2, il-punt (d), għandu jiġi fformulat kif ġej:

- (d) il-finanzjament u l-programmi ta' finanzjament rilevanti tal-Unjoni **inkluż permezz ta' STEP**.

L-Artikolu 20(3) għandu jiġi fformulat kif ġej:

3. L-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, il-korpi rregolati mid-dritt pubbliku jew l-assoċjazzjonijiet iffurmati minn tali awtorità waħda jew aktar jew minn tali korp wieħed jew aktar irregolati mid-dritt pubbliku ma għandhomx ikunu obbligati japplikaw il-kunsiderazzjonijiet relatati mal-kontribut tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti għas-sostenibbiltà u għar-reżiljenza meta l-applikazzjoni tagħhom tkun tobbliga lil dawk l-entitajiet jakkwistaw tagħmir li jkollu kostijiet sproporzjonati **■**. Id-differenzi fil-kostijiet ta' aktar minn 10 % jistgħu jiġu preżunti li huma sproporzjonati mill-awtoritajiet kontraenti u mill-entitajiet kontraenti **meta l-kostijiet**

tal-appoġġ offrut mis-settur pubbliku għall-proġett ikunu aktar minn 15 % ogħla, meta mqabbla ma' proċedura mingħajr il-kontributi għas-sostenibbiltà u għar-reżiljenza. Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-prerogattiva tal-awtoritajiet kontraenti li jifformulaw speċifikazzjonijiet tekniċi f'konformità mal-Artikolu 42 tad-Direttiva 2014/24/UE sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu ma twassalx għall-akkwist ta' tagħmir inkompatibbli li jirrikjedi kostijiet għoljin b'mod mhux raġonevoli biex tiġi żgurata l-kompatibbiltà mat-tagħmir eżistenti.

L-Istati Membri jistgħu jaġġustaw il-baġits ġenerali tagħhom allokatu għall-irkantijiet tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll il-livelli massimi tal-offerti relatati sabiex jakkomodaw l-implimentazzjoni tal-kriterji mhux tal-prezz.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-irkantijiet jinkludu mekkaniżmu ta' indiċjar tal-inflazzjoni. Offerti negattivi għandhom, meta xieraq, jiġu esklużi mill-irkantijiet.

L-Artikolu 23(1), il-punt (a), għandu jiġi fformulat kif ġej:

- (a) jiżviluppaw programmi ta' taġlim, kontenut u materjal ta' taġlim u taħriġ għat-taħriġ u l-edukazzjoni dwar l-iżvilupp, il-produzzjoni, l-installazzjoni, l-ikkummissjonar, it-tħaddim, iż-żamma u r-riċiklaġġ ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u, dwar il-materja prima li tkun ġiet identifikata bl-eżerċizzju tal-immappjar, kif ukoll li jappoġġaw il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti biex joħorġu l-permessi u l-awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu II u l-awtoritajiet kontraenti msemmija fil-Kapitolu IV ta' dan ir-Regolament;

L-Artikolu 23(1), il-punt (b), għandu jiġi fformulat kif ġej:

- (b) jippermettu u jippromwovu l-użu tal-programmi ta' taġlim, tal-kontenut u tal-materjal mill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istati Membri, *bħal universitajiet, universitajiet tar-riċerka, universitajiet tax-xjenzi applikati u alleanzi ta' universitajiet, impriżi li jipprovdu tali edukazzjoni u taħriġ, inklużi SMEs, negozji ġodda u intrapriżi soċjali, sħab soċjali, u permezz tat-taħriġ ta' min iħarreġ;*

L-Artikolu 25(7) għandu jiġi fformulat kif ġej:

- (7) tiffaċilita koordinazzjoni aktar mill-qrib u l-iskambju tal-aħjar prattiki ***u ta' għarfien prattiku*** bejn l-Istati Membri ***u fis-settur privat*** biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-ħiliet fit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inkluż billi tikkontribwixxi għall-politiki tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex jattiraw talenti ġodda minn pajjiżi terzi ***u mil-livelli edukattivi kollha***.

(Taffettwa l-verżjonijiet lingwistiċi kollha.)